# Dikjarazzjoni Transatlantika

# L-EWROPA GĦANDHA TIPPROJBIXXI LIL HEZBOLLAH

## AĦNA, LEĠIŻLATURI MIŻ-ŻEWĠ NAĦAT TAL-ATLANTIKU U MAGĦQUDIN F'PARTITI DIFFERENTI,

qegħdin insejħu lill-Unjoni Ewropea biex tiddikjara lil Hezbollah fl-intier tagħha bħala orgnizzazzjoni terroristika. Wara l-attakk suwiċida bil-bombi fl-2012 fil-Bulgarija li qatel sitt persuni, l-UE pprojbixxiet biss lil dik imsejħa bħala fergħa militari tal-Hezbollah, u waqfet milli tikkonfronta lill-grupp terroristiku bil-forza kollha tal-mekkaniżmu ta' sanzjonijiet tagħha.

Aħna għalhekk nappellaw lill-UE sabiex ittemm din id-distinzjoni falza bejn l-fergħat "militari" u "politiċi" – distinzjoni li anke l-Hezbollah stess tiċħad – u tipprojbixxi l-organizzazzjoni intiera.

**IL-HEZBOLLAH**, l-akbar qattiel bi prokura tar-reġim Iranjan, topera network ta' terror globali li jhedded mhux biss il-ġirien tiegħu iżda anke demokraziji tal-Punent. Fil-Ġermanja biss, il-Hezbollah għandha 'l fuq minn 1,000 membru li huma ħielsa li jiġbru l-fondi.  L-ideoloġija vjolenti u antisemitika tal-grupp qed tavvelena t-tessut tas-soċjetajiet pluralistiċi tagħna. Dan il-każ huwa l-aktar viżibbli permezz mal-marċi annwali annwali tal-Hezbollah tal-"Jum il-Quds" fejn sejħiet għal qerda tal-istat Lhudi huma eku tal-aktar kapitli koroh Ewropej.

Imwaqqfa u finanzjata minn Teħeran u sostnuta mill-kriminalità organizzata, il-Hezbollah iżżomm lil-Libanu ostaġġ bl-aġenda revoluzzjonarja Iranjana tagħha. Barra dan, hija tifrex vjolenza u terrur matul r-reġjun kollu. Il-Hezbollah tikkoopera mar-reġim qattieli ta' Assad u hija kompliċi fid-delitti tal-gwerra tal-biżà li qatlu, korrew u keċċew miljuni ta' Sirjani. Il-grupp iħarreġ u jissupplixxi armi lill-milizji Xiti fil-Jemen u l-Iraq. Bi ksur tar-Riżoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà, il-Hezbollah reġgħet armat sa snienha u baqgħet milizja indipendenti fil-Libanu. Hija tabbuza mill-popolazzjoni pajżana tagħha billi tużahoom bħala tarki umani biex taħbi madwar 150,000 missila mmirati lejn pajżana Iżraeljani.

Kif juru l-eżempji tal-Istati Uniti, in-Netherlands, il-Kanada, ir-Renju Unit, il-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, u l-Lega Għarbija, li tipprojbixxi lill-Hezbollah ma jipprekludix inġaġġ politiku kontinwu ma' Bejrut.

Projbizzjoni tal-Hezbollah ukoll mhux ser "tiddestabbilizza" il-pajjiż, kif isostnu falzament x'uħud. L-oppost huwa veru. L-uniku ċans għal stabbilità ekonomika u politika vera fil-Libanu jinsab fit-tneħħija tal-kontroll sħiħ tal-Hezbollah fuq il-pajjiż. Id-dimostranti kuraġġjużi Lebaniżi li qed joħorġu fit-toroq kontra l-korruzjoni u l-vjolenza politika jikkundannaw speċifikament "l-istat fi ħdan stat" tal-Hezbollah. Huma jixirqilhom l-appoġġ sħiħ tagħna. Projbizzjoni mill-UE kontra dik li taġixxi għall-Iran tgħin biex jissaħħu dawn il-forzi demokratiċi.

**L-UNJONI EWROPEA**, li tirrappreżenta d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, għandha tuża l-poter tagħha sabiex twissi lil Hezbollah. B'xejn inqas mis-sigurtà kollettiva tagħna u l-integrità tal-valuri demokratiċi tagħna fil-periklu, issa huwa żmien tal-azzjoni.